SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

8 ta’ Ġunju 2023*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 49 TFUE – Artikolu 107(1) TFUE – Servizz ta’ kiri ta’ vetturi privati bix-xufier (VPX) – Skema ta’ awtorizzazzjoni li tinvolvi l-ħruġ, minbarra awtorizzazzjoni li tippermetti li jiġu pprovduti servizzi urbani u interurbani ta’ trasport fit-territorju nazzjonali kollu, tat-tieni liċenzja ta’ operat sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi urbani ta’ trasport f’żona metropolitana – Limitazzjoni tan-numru ta’ liċenzji ta’ servizzi ta’ VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis”

Fil-Kawża C-50/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta’ Cataluña, Spanja), permezz ta’ deċiżjoni tad-19 ta’ Jannar 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta’ Jannar 2021, fil-proċedura

**Prestige and Limousine SL**

vs

**Área Metropolitana de Barcelona,**

**Asociación Nacional del Taxi (Antaxi),**

**Asociación Profesional Élite Taxi,**

**Sindicat del Taxi de Catalunya (STAC),**

**Tapoca VTC1 SL,**

**Agrupació Taxis Companys,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn K. Lenaerts (Relatur), President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, L. Bay Larsen, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Mħallef tal-Ewwel Awla, P. G. Xuereb, A. Kumin u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Reġistratur: L. Carrasco Marco, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Ottubru 2022,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Prestige and Limousine SL, minn F. de B. Carvajal Borrero u P. S. Soto Baselga, abogados,

– għal Área Metropolitana de Barcelona, minn M. Borrás Ribó, abogada,

– għal Asociación Nacional del Taxi (Antaxi), minn J. M. Baño Fos, J. M. Baño León, E. Llopis Reyna u A. Pascual Morcillo, abogados,

– għal Asociación Profesional Élite Taxi, minn J. Fontquerni Bas, procurador, u M. Vilar Cuesta, abogado,

– għal Tapoca VTC1 SL, minn J. A. Díez Herrera u J. L. Ortega Gaspar, abogados,

– għal Agrupació Taxis Companys, minn A. Canals Compan, abogado,

– għall-Gvern Spanjol, minn L. Aguilera Ruiz u S. Jiménez García, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn T. Machovičová, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Armati, É. Gippini Fournier, P. Němečková u J. Rius Riu, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE u tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Prestige and Limousine SL (iktar 'il quddiem "P&L"), li toffri servizzi ta' kiri ta' vetturi privati bix-xufier (iktar 'il quddiem is-"servizzi ta' VPX"), u, fost oħrajn, l-Área Metropolitana de Barcelona (iż-Żona Metropolitana ta' Barcelona, Spanja) (iktar 'il quddiem l-"AMB"), dwar il-validità ta' leġiżlazzjoni tal-AMB li teżiġi l-kisba ta' liċenzja sabiex jiġu eżerċitati servizzi ta' VPX fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona u li tillimita n-numru ta' liċenzji ta' servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis mogħtija għal din l-agglomerazzjoni.

## Il-kuntest ġuridiku Spanjol

### *Il-LOTT*

3 L-Artikolu 43(1)(g) tal-Ley 16/1987 de Ordenación de los Transportes Terrestres (il-Liġi 16/1987 li Tirregola t-Trasport fuq l-Art), tat-30 ta' Lulju 1987 (BOE Nru 182 tal-31 ta' Lulju 1987, p. 23451), kif emendata bir-Real Decreto-Ley 3/2018 (id-Digriet Leġiżlattiv Irjali 3/2018), tal-20 ta' April 2018 (BOE Nru 97 tal-21 ta' April 2018, p. 41051) (iktar 'il quddiem il-"LOTT"), jiddisponi:

"Il-ħruġ tal-awtorizzazzjoni sabiex tiġi eżerċitata attività ta' trasport pubbliku huwa suġġett għall-fatt li l-impriża li tagħmel it-talba tipproduċi l-prova li, skont dak previst mil-leġiżlazzjoni, hija tosserva l-kundizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(g) tissodisfa, jekk ikun il-każ, il-kundizzjonijiet speċifiċi l-oħra previsti mil-liġi li huma meħtieġa sabiex is-servizzi jiġu pprovduti b'mod xieraq, fid-dawl tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni, fir-rigward tal-klassi ta' trasport ikkonċernata."

4 Skont l-Artikolu 48(1) sa (3) tal-LOTT:

"1. Il-ħruġ ta' liċenzja ta' trasport pubbliku ma huwiex diskrezzjonali u għalhekk jista' jiġi rrifjutat biss jekk il-kundizzjonijiet meħtieġa ma jkunux issodisfatti.

2. Madankollu, skont il-liġijiet tal-Komunitajiet u kull dispożizzjoni oħra applikabbli, meta l-kunsinna ta' vetturi għall-kiri pubbliku tkun suġġetta għal limiti kwantitattivi ġewwa l-komunità awtonoma jew fuq il-livell lokali, jistgħu jsiru regolamenti li jiffissaw limiti għan-numru ta' liċenzji ġodda maħruġa għall-provvista ta' trasport interurban mill-kategorija ċċitata iktar 'il fuq ta' vetturi u għall-vetturi privati bix-xufier.

3. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti, sabiex jinżamm bilanċ xieraq fil-provvista taż-żewġ mezzi ta' trasport, il-ħruġ ta' liċenzji ġodda għal vetturi privati bix-xufier jista' jiġi rrifjutat meta l-proporzjon tal-permessi eżistenti fit-territorju tal-komunità awtonoma li fiha l-vetturi huma intiżi li jiġu stabbiliti huwa ogħla minn 1 għal kull 30 permess maħruġ għall-vetturi għall-kiri pubbliku.

Madankollu, dawn il-komunitajiet awtonomi li l-gvern nazzjonali ddelegalhom ir-responsabbiltà fil-qasam tal-liċenzji għall-vetturi privati bix-xufier jistgħu jemendaw ir-regola ta' proporzjonalità msemmija fil-paragrafu preċedenti, bil-kundizzjoni li r-regola li huma jistabbilixxu tkun inqas restrittiva."

5 L-Artikolu 91 tal-LOTT jipprevedi:

"1. L-awtorizzazzjonijiet li jikkonċernaw it-trasport pubbliku jippermettu l-provvista ta' servizzi fit-territorju nazzjonali kollu, mingħajr restrizzjoni marbuta mal-punt tat-tluq jew mad-destinazzjoni tas-servizz.

Bħala eċċezzjoni għal dak li ntqal iktar 'il fuq hemm kemm l-awtorizzazzjonijiet li jiġi żgurat it-trasport interurban ta' passiġġieri permezz ta' vetturi għall-kiri pubbliku kif ukoll dawk li

jippermettu l-kiri ta' vetturi b'xufier, li għandhom josservaw il-kundizzjonijiet possibbilment previsti mil-liġi dwar il-punt tat-tluq, id-destinazzjoni jew l-itinerarju tas-servizzi.

2. Bla ħsara għall-fatt li, skont il-punt preċedenti, l-awtorizzazzjonijiet li jikkonċernaw il-kiri ta' vetturi b'xufier jippermettu l-provvista ta' servizzi fit-territorju nazzjonali kollu, mingħajr restrizzjoni marbuta mal-punt tat-tluq jew mad-destinazzjoni tas-servizz, il-vetturi użati għall-eżerċizzju ta' din l-attività għandhom jintużaw abitwalment għall-provvista ta' servizzi intiżi sabiex jissodisfaw bżonnijiet marbuta mat-territorju tal-komunità awtonoma ta' domiċilju tal-awtorizzazzjoni li jaqgħu taħtha

[…]"

### *Ir-ROTT*

6 Skont l-Artikolu 181(1) tar-Real Decreto 1211/1990 por el que se aprueba el Reglamento de la Ley de Ordenación de los Transportes Terrestres (id-Digriet Irjali 1211/1990 ta' Implimentazzjoni tal-Liġi li Tirregola t-Trasport fuq l-Art) tat-28 ta' Settembru 1990 (BOE Nru 241 tat-8 ta' Ottubru 1990, p. 29406), kif emendat bir-Real Decreto-Ley 1057/2015 (id-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1057/2015), tal-20 ta' Novembru 2015 (BOE Nru 279 tal-21 ta' Novembru 2015, p. 109832), u bid-Digriet Leġiżlattiv Irjali 3/2018 (iktar 'il quddiem ir-"ROTT"):

"Il-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attività ta' kiri ta' vetturi b'xufier huwa suġġett għall-fatt li l-applikant tagħhom jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikolu 43(1) tal-LOTT, skont l-ispeċifikazzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu segwenti."

7 L-Artikolu 182(1) sa (3) tar-ROTT jipprevedi:

"1. Il-vetturi koperti mill-awtorizzazzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attività ta' kiri ta' vetturi b'xufier okkupati minn persuni barranin għall-impriża li għandha l-awtorizzazzjoni jistgħu jiċċirkolaw biss jekk jiġi pprovat li dawn jipprovdu servizz ordnat minn qabel.

Għal dan l-għan, il-kuntratt ta' kiri ta' vettura b'xufier għandu jkun ġie kkompletat qabel il-bidu tal-provvista tas-servizz ordnat u d-dokumenti li jattestaw dan il-kuntratt għandhom jinżammu abbord il-vettura, konformement ma' dak li huwa ddeterminat mill-Ministru għall-Iżvilupp tat-Territorju.

Il-vetturi koperti mill-awtorizzazzjonijiet għall-kiri ta' vetturi b'xufier ma jistgħu, f'ebda każ, la jiċċirkolaw fit-toroq pubbliċi sabiex ifittxu l-klijenti u lanqas jippruvaw jattiraw lill-klijenti li jkunu għadhom ma ordnawx is-servizz billi jibqgħu pparkjati għal dan l-għan.

2. L-awtorizzazzjonijiet għall-kiri ta' vetturi b'xufier jippermettu l-provvista ta' servizzi kemm urbani kif ukoll interurbani fit-territorju nazzjonali kollu, sakemm il-vettura tkun mikrija minn qabel skont id-dispożizzjonijiet tal-punt preċedenti.

3. Skont id-dispożizzjonijiet [tal-Artikolu 17(1) u tal-Artikolu] 18 tal-LOTT, it-tariffi tal-attività ta' kiri ta' vetturi b'xufier ma humiex irregolati, iżda l-impriżi kkonċernati għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku informazzjoni dwar il-prezzijiet mitluba."

### *Id-Digriet VPX*

8 L-Orden FOM/36/2008 por la que se desarrolla la sección segunda del capítulo IV del título V, en materia de arrendamiento de vehículos con conductor, del Reglamento de la Ley de Ordenación de los Transportes Terrestres, aprobado por Real Decreto 1211/1990, de 28 de septiembre (id-Digriet FOM/36/2008 li Jimplimenta t-Tieni Taqsima tal-Kapitolu IV tat-Titolu V tar-Regolament li Jimplimenta l-Liġi li Tirregola t-Trasport fuq l-Art fir-Rigward tal-Vetturi Privati bix-Xufier, adottat bid-Digriet Irjali 1211/1990 tat-28 ta' Settembru 1990), tad-9 ta' Jannar 2008 (BOE Nru 19 tat-22 ta' Jannar 2008, p. 4283), kif emendat mill-orden FOM/2799/2015 (id-Digriet FOM/2799/2015), tat-18 ta' Diċembru 2015 (BOE Nru 307 tal-24 ta' Diċembru 2015, p. 121901) (iktar 'il quddiem id-"Digriet VPX"), jiddisponi, fl-Artikolu 1 tiegħu, intitolat "Rekwiżit mandatorju għall-għoti ta' liċenzji", b'mod partikolari:

"Sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' vetturi privati bix-xufier, għandha tinkiseb liċenzja għal kull vettura li ser tintuża għal dawn is-servizzi li tippermetti l-provvista ta' dan is-servizz, konformement mal-Artikolu 180 [tar-ROTT]".

9 L-Artikolu 4 tad-Digriet VPX, intitolat "Is-suġġett tal-awtorizzazzjonijiet", huwa fformulat kif ġej:

"L-awtorizzazzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attività ta' kiri ta' vetturi b'xufier għandhom jippermettu l-provvista ta' servizzi, kemm urbani kif ukoll interurbani, fit-territorju nazzjonali kollu, sakemm il-vettura tkun ġiet mikrija preċedentement skont id-dispożizzjonijiet ta' dan id-digriet."

10 L-Artikolu 5 tal-imsemmi digriet, intitolat "Kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet", jipprevedi:

"Il-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet relatati mal-kiri ta' vetturi b'xufier huwa suġġett għall-fatt li l-impriża li tagħmel it-talba tipprova li hija tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 181(1) u (2) tar-ROTT skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' dan id-digriet."

11 L-Artikolu 14 tal-istess digriet, intitolat "Ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet", jiddisponi:

"Meta jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 5, l-organu kompetenti jista' jirrifjuta li joħroġ l-awtorizzazzjonijiet mitluba biss fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 181(3) tar-ROTT."

### *Ir-RVTC*

12 Ir-Reglamento de ordenación de la actividad de transporte urbano discrecional de viajeros con conductor en vehículos de hasta nueve plazas que circula íntegramente en el ámbito del Área Metropolitana de Barcelona del Consejo Metropolitano del Area Metropolitana de Barcelona (ir-Regolament dwar is-Servizzi ta' Trasport Urban Mhux Regolari Pprovduti permezz ta' Vetturi Privati bix-Xufier għall-Passiġġieri li għandhom sa Disgħa Siġġijiet li Joperaw biss fiż-Żona Metropolitana ta' Barcelona, adottat mill-Kunsill Metropolitan taż-Żona Metropolitana ta' Barcelona), tas-26 ta' Ġunju 2018 (*Boletín Oficial de la Provincia de Barcelona* tad-9 ta' Lulju 2018, u DOGC Nru 7897 tal-14 ta' Ġunju 2019) (iktar 'il quddiem ir-"RVTC"), daħal fis-seħħ fil-25 ta' Lulju 2018.

13 Ir-RVTC jipprovdi, fil-punti 4, 5 u 9 tal-preambolu tiegħu:

"4. […] il-Ley 19/2003 [del Taxi, de la Comunidad Autónoma de Cataluña (il-Liġi 19/2003 dwar it-Taxis tal-Komunità Awtonoma ta' Cataluña) tal-4 ta' Lulju 2003 (BOE Nru 189 tat-8 ta' Awwissu 2003, p. 30708)] (LT), tirregola t-trasport ta' passiġġieri mwettaq minn vetturi li għandhom sa disa' siġġijiet, inkluż dak tas-sewwieq, imwettaq f'isem ħaddieħor bi ħlas, skont il-modalità magħrufa bħala s-'servizzi tat-taxis'. Il-kontenut ta' din il-leġiżlazzjoni f'dan is-settur iwassal għal intervent amministrattiv, ibbażat fuq il-ħtieġa li jiġi ggarantit l-interess pubbliku fit-twettiq ta' livell ottimali ta' kwalità tal-provvista tas-servizz, permezz tal-limitazzjoni tan-numru ta' awtorizzazzjonijiet u tal-iffissar ta' tariffi obbligatorji, b'mod li jiġu ggarantiti l-universalità, l-aċċessibbiltà, il-kontinwità u r-rispett tad-drittijiet tal-utenti […]

5. Għalhekk, din hija attività ddefinita […] bħala li hija ta' interess ġenerali eżerċitata minn individwi, peress li tali klassifikazzjoni timplika li din tkun suġġetta għall-miżuri ta' kontroll, ta' pulizija u ta' intervent li huma meħtieġa, permezz ta' leġiżlazzjoni settorjali.

[…]

[…]

9. Il-politiki pubbliċi dwar il-mobbiltà u t-trasport huma mmirati lejn l-iżvilupp sostenibbli [fid-dawl] ambjentali u ekonomiku, u, għal dan l-għan, huma imposti restrizzjonijiet fuq it-traffiku fit-toroq fil-bliet, b'mod partikolari matul l-episodji ta' tniġġis qawwi. L-ippjanar tat-toroq urbani, ir-riċerka kontinwa ta' spazji ġodda għall-użu pubbliku minbarra t-traffiku fit-toroq, l-alternattivi ta' mobbiltà bil-mixi jew bir-roti, jew il-prijorità mogħtija lill-kurituri tat-trasport pubbliku kollettiv huma miżuri inkompatibbli mal-promozzjoni taż-żieda, minn naħa, tan-numru ta' vetturi tat-triq użati għat-trasport urban permezz tal-kiri b'xufier u, min-naħa l-oħra, tal-kiri għal utent wieħed u għall-kapaċità totali tal-vettura.

Il-politiki pubbliċi fis-settur tat-taxis ġew ibbażati fuq il-waqfien tal-għoti ta' liċenzji ġodda flimkien ma' dawk maħruġa mill-1987. Barra minn hekk, huma promossi azzjonijiet li jillimitaw il-jiem u s-sigħat taċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi u l-użu ta' teknoloġiji nodfa, bħall-mutur elettriku jew ibridu."

14 L-Artikolu 7 tar-RVTC, intitolat "L-issuġġettar għal awtorizzazzjoni minn qabel", jiddisponi, fil-paragrafi 1, 2 u 4 sa 6 tiegħu:

"1. L-attività ta' provvista tas-servizz ta' trasport tal-passiġġieri permezz ta' vetturi li għandhom sa disa' siġġijiet, inkluż dak tas-sewwieq, ġewwa ż-żona unitarja ta' ġestjoni tat-trasport urban li tinkludi t-territorju tal-[AMB] hija trasport urban u, għalhekk, hija suġġetta għall-kisba minn qabel ta' awtorizzazzjoni li tippermetti li din l-attività tiġi eżerċitata għal kull vettura użata għal dan l-għan mid-detentur tagħha.

2. Għandha ssir applikazzjoni għal din l-awtorizzazzjoni u, fejn applikabbli, għandha tinħareġ lill-persuna fiżika jew ġuridika li, fi kwalunkwe ħin, tkun detentriċi b'mod ċar. L-awtorizzazzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attività huma nominattivi u jikkonċernaw vettura partikolari. Din għandha tinkludi r-reġistrazzjoni tal-vettura, in-numru tax-chassis u d-data l-oħra meqjusa neċessarja għall-identifikazzjoni tagħha. L-awtorizzazzjoni ma għandhiex titqies bħala awtorizzazzjoni għall-vetturi kollha li jappartjenu lid-detentur tal-awtorizzazzjoni jew li huma użati minnu.

[…]

4. Fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' dan ir-regolament, l-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-AMB biss għandhom jippermettu l-forniment ta' servizz, bl-oriġini u d-destinazzjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-[LOTT] fir-rigward tal-għoti ta' dik l-awtorizzazzjoni jew ta' oħrajn imsemmija fiha.

5. L-awtorizzazzjoni maħruġa mill-[AMB] hija minbarra l-awtorizzazzjonijiet l-oħra maħruġa minn amministrazzjonijiet oħra minħabba l-kompetenzi rispettivi tagħhom.

6. Is-servizz [VPX] li ma huwiex urban fis-sens tal-Artikolu 7 [ta' dan] ir-regolament ma huwa suġġett la [għal dan] ir-regolament u lanqas għas-sistema ta' awtorizzazzjoni li [dan ir-regolament] jipprevedi."

15 L-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament, intitolat "Sistema legali tal-awtorizzazzjonijiet", huwa fformulat kif ġej:

"Il-ħruġ tal-awtorizzazzjoni huwa konformi mas-sistema legali li ġejja:

1. Il-ħruġ tal-awtorizzazzjoni huwa suġġett għall-osservanza mill-applikant tagħha tal-kundizzjonijiet previsti mil-Ley 12/1987 [de regulación del transporte de viajeros por carretera mediante vehículos de motor, de la Comunidad Autónoma de Cataluña (il-Liġi 12/1987 ta' Regolamentazzjoni tat-Trasport tal-Passiġġieri bit-Triq permezz ta' Vetturi bil-Mutur tal-Komunità Awtonoma ta' Cataluña), tat-28 ta' Mejju [1987 (BOE Nru 151 tal-25 ta' Ġunju 1987, p. 19159)], mid-Decreto 319/1990 [por el cual se aprueba el Reglamento de regulación del transporte de viajeros por carretera mediante vehículos de motor, del Consejo Ejecutivo de la Generalidad de Cataluña) (id-Digriet 319/1990 li Japprova r-Regolamentazzjoni tat-Trasport tal-Passiġġieri bit-Triq permezz ta' Vetturi bil-Mutur tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Ġeneralitat ta' Cataluña)], tal-21 ta' Diċembru [1990 (DOGC Nru 1387 tal-31 ta' Diċembru 1990)], u minn dan ir-regolament.

[…]

3. L-awtorizzazzjoni tikkonċerna biss vettura waħda u tista' tintuża mid-detentur tagħha jew mill-impjegati tiegħu taħt kuntratt ta' xogħol.

[…]"

16 Skont l-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament, intitolat "Determinazzjoni tan-numru ta' awtorizzazzjonijiet":

"1. L-AMB hija inkarigata li tistabbilixxi, f'kull ħin, in-numru massimu ta' awtorizzazzjonijiet għall-provvista tas-servizzi ta' trasport urban okkażjonali ta' passiġġieri permezz ta' vetturi tal-kiri b'xufier. Dan għandu jiġi ddeterminat bl-għan li tiġi żgurata disponibbiltà suffiċjenti tas-servizz f'kundizzjonijiet ottimali għaċ-ċittadini bla ħsara għall-garanzija ta' profittabbiltà ekonomika għall-operaturi.

2. Il-ħolqien ta' awtorizzazzjonijiet ġodda, permanenti jew temporanji, jew it-tnaqqis tan-numru attwali tagħhom, jeħtieġ li tittieħed deċiżjoni li tistabbilixxi n-neċessità u l-adegwatezza tagħha, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-fatturi li ġejjin:

a) il-livell tal-offerta attwali;

b) il-livell tad-domanda attwali;

c) l-attivitajiet kummerċjali, industrijali, turistiċi jew attivitajiet oħra fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali li jistgħu jwasslu għal talbiet speċifiċi għal servizz ta' trasport urban okkażjonali permezz ta' vetturi tal-kiri b'xufier.

d) il-kompatibbiltà tal-introduzzjoni ta' awtorizzazzjonijiet ġodda mal-għanijiet ta' sostenibbiltà ambjentali fir-rigward tat-traffiku u taċ-ċirkulazzjoni urbana."

17 L-Artikolu 11 tal-istess regolament, intitolat "Is-sistema għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet", jipprevedi:

"1. L-awtorizzazzjonijiet għandhom jinħarġu skont il-prinċipji u r-regoli stabbiliti mil-Liġi 12/1987 [ta' Regolamentazzjoni tat-Trasport tal-Passiġġieri bit-Triq permezz ta' Vetturi bil-Mutur], mid-Digriet 319/1990 [li Japprova r-Regolamentazzjoni tat-Trasport tal-Passiġġieri bit-Triq permezz ta' Vetturi bil-Mutur] jew minn dan ir-regolament u skont il-proċeduri amministrattivi stabbiliti b'applikazzjoni ta' dan tal-aħħar.

2. L-AMB toħroġ l-awtorizzazzjonijiet lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tagħhom. Għal dan l-għan, l-AMB tadotta l-bażi tal-avviżi ta' ftuħ ta' proċeduri għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet ġodda, li tispeċifika l-proċedura ta' għoti, li, f'kull każ, għandha tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipji ta' pubbliċità, ta' opportunitajiet indaqs, ta' kompetizzjoni ħielsa u ta' nondiskriminazzjoni. L-għoti jsir permezz ta' tlugħ bix-xorti minn fost l-applikazzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa.

3. Il-persuni interessati fil-kisba ta' awtorizzazzjoni għandhom jippreżentaw applikazzjoni li fiha jipprovaw li [huma jkunu] jissodisfaw il-kundizzjonijiet mitluba u dawn il-persuni għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-kandidati, u dan kollu skont it-termini u l-forom stabbiliti mill-avviżi inkwistjoni.

4. Il-proċedura ta' ħruġ tipprevedi li l-partijiet ikkonċernati jinstemgħu u li l-organizzazzjonijiet tas-settur ikunu jistgħu jsostnu dak li huma jqisu xieraq sabiex jiddefendu l-interessi tagħhom.

5. Din ir-regolamentazzjoni tapplika wkoll għall-awtorizzazzjonijiet li jippermettu l-provvista tas-servizz urban ta' natura staġjonali jew għal avvenimenti speċifiċi."

18 Ir-RVTC fih "[d]ispożizzjoni transitorja", ifformulata kif ġej:

"L-awtorizzazzjonijiet ta' trasport irregolati minn [dan ir-]regolament li nħarġu mill-ex Entidad Municipal Metropolitana de Barcelona (Corporación Metropolitana de Barcelona) [l-Organu Muniċipali Metropolitan ta' Barcelona (il-Korp Metropolitan ta' Barcelona)] u mill-Entidad Metropolitana del Transporte [l-Organu Metropolitan tat-Trasport], kif ukoll l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-Generalitat de Cataluña [il-Ġeneralitat ta' Cataluña] konformement mal-Orden por la que se desarrolla el Reglamento de la Ley de Ordenación de los

Transportes Terrestres, aprobado por el Real Decreto 1211/1990, de 28 de septiembre (id-Digriet Ministerjali ta' Implimentazzjoni tar-Regolament li Jimplimenta l-Liġi li Tirregola t-Trasport fuq l-Art, adottat permezz tad-Digriet Irjali 1211/1990 tat-28 ta' Settembru 1990), tat-30 ta' Lulju 1998 (BOE Nru 192 tat-12 ta' Awwissu 1998, p. 27466), li stabbilixxa l-ewwel limitazzjoni skont il-proporzjon ta' liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tat-taxis, u li kienu attivi fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-test, li jibqgħu rregolati u suġġetti għal din ir-regolamentazzjoni, huma fis-seħħ."

19 Skont żewġ "Dispożizzjonijiet addizzjonali", li jinsabu fir-RVTC:

"L-ewwel. In-numru totali ta' awtorizzazzjonijiet għandu jkun limitat għal dawk mogħtija skont id-dispożizzjoni tranżitorja ta' hawn fuq. Huwa l-obbligu tal-Instituto Metropolitano del Taxi [il-Kunsill Metropolitan tat-Taxis] li jipproponi l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tiddetermina n-numru massimu ta' awtorizzazzjonijiet minbarra dawk previsti mid-dispożizzjoni tranżitorja. In-numru ta' awtorizzazzjonijiet fis-seħħ f'mument partikolari f'ebda każ ma jista' jaqbeż il-proporzjon ta' liċenzja waħda [VPX] għal tletin liċenzja tat-taxi. Is-setgħat mogħtija lill-Kunsill Metropolitan tat-Taxis fl-Artikolu 5(2) [ta' dan] ir-regolament jinkludu l-avviż ta' ftuħ u d-deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet ġodda, minbarra dawk li jaqgħu taħt id-dispożizzjoni tranżitorja [...]

It-tieni. Is-setgħat mogħtija lill-Kunsill Metropolitan tat-Taxis fl-Artikolu 5(2) [ta' dan] ir-regolament jinkludu l-avviż ta' ftuħ u d-deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet staġjonali ġodda u għal avvenimenti individwali. Dawn l-avviżi għandhom ikunu konformi mar-regoli li ġejjin:

a. l-avviżi għandhom jistabbilixxu n-numru ta' awtorizzazzjonijiet li għandhom jinħarġu, skont il-kriterji ta' dan ir-regolament, abbażi ta' ġustifikazzjoni motivata u suffiċjenti. In-numru ta' awtorizzazzjonijiet għal kull applikant, persuna fiżika jew ġuridika, jista' jkun limitat;

b. l-avviżi għandhom jipprevedu l-iskeda tal-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjonijiet u jispeċifikaw il-perijodi jew l-avvenimenti li jikkonċernaw il-perijodu ta' validità;

c. l-iskeda annwali tal-validità tal-awtorizzazzjonijiet tista' tiġi estiża jew imnaqqsa għal raġunijiet iġġustifikati minn ħtiġijiet jew ċirkustanzi ġodda, fejn kwalunkwe tnaqqis ma jagħti l-ebda dritt għal kumpens."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

20 It-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Cataluña, Spanja), li hija l-qorti tar-rinviju, tirrileva li, fl-2009, tneħħiet il-limitazzjoni tan-numru ta' liċenzji ta' servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis, li sa dak iż-żmien kienet prevista mil-leġiżlazzjoni Spanjola. Din it-tneħħija wasslet, sal-2015, għal żieda sinjifikattiva fin-numru ta' forrnituri ta' dawn is-servizzi fiż-żona metropolitana ta' Barcelona, fenomenu li l-AMB riedet tbiddel bl-adozzjoni tar-RVTC.

21 Ir-RVTC huwa intiż sabiex jirregola s-servizz ta' VPX fl-agglomerazzjoni kollha ta' Barcelona, li tikkostitwixxi żona urbana, għall-finijiet tat-trasport ta' persuni bit-taxi jew b'vettura privata bix-xufier. Għall-provvista ta' tali servizzi f'din l-agglomerazzjoni, dan ir-regolament jeżiġi, b'mod partikolari, mill-impriżi li diġà għandhom awtorizzazzjoni sabiex jipprovdu servizzi ta' VPX urbani u interurbani fi Spanja li huma jiksbu liċenzja addizzjonali mogħtija mill-AMB. Barra minn

hekk, l-imsemmi regolament jagħmel użu mill-possibbiltà offruta mill-Artikolu 48(3) tal-LOTT, li jillimita n-numru ta' liċenzji li jawtorizzaw is-servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin min-numru ta' liċenzji mogħtija għas-servizzi tat-taxis.

22 P&L hija detentriċi ta' awtorizzazzjonijiet għall-operat ta' servizz ta' VPX u tikkontesta r-RVTC quddiem il-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, P&L u erbatax-il impriża oħra li kienu diġà jipprovdu servizzi ta' VPX f'din iż-żona fid-data tal-adozzjoni tar-RVTC, fosthom impriżi marbuta ma' pjattaformi internazzjonali online, iqisu li, fid-dawl tal-limitazzjonijiet u tar-restrizzjonijiet imposti fuqhom mir-RVTC, l-uniku għan tal-adozzjoni tiegħu kien li jostakola l-attività tagħhom, u dan bl-għan uniku li jipproteġu l-interessi tas-settur tat-taxis. B'hekk, P&L u dawn l-impriżi l-oħra jitolbu lill-qorti tar-rinviju sabiex tiddikjara r-RVTC bħala null *ipso iure*.

23 L-Asociación Nacional del Taxi (Antaxi) (iktar 'il quddiem l-"ANT"), l-Asociación Profesional Élite Taxi, is-Sindicat del Taxi de Catalunya (STAC), Tapoca VTC1 SL u l-Agrupació Taxis Companys intervjenew f'din il-kawża insostenn tal-AMB.

24 It-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Cataluña) tirrileva li t-taxis u l-vetturi privati bix-xufier (iktar 'il quddiem il-"VPX") jikkompetu bejniethom fil-qasam tas-servizz ta' trasport urban tal-passiġġieri. Is-servizzi tat-taxis huma, bħala "servizzi ta' interess ġenerali", suġġetti għal leġiżlazzjoni xierqa u għal limitazzjoni tan-numru ta' liċenzji neċessarji għall-eżerċizzju tal-attività tagħhom, u t-tariffi tagħhom huma suġġetti għal awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel. Minkejja li l-kamp ta' azzjoni abitwali tagħhom jinsab fiż-żona urbana, it-taxis jistgħu xorta waħda jipprovdu servizzi ta' trasport interurban, skont ir-rekwiżiti rilevanti.

25 Skont il-qorti tar-rinviju, il-fornituri ta' servizz ta' VPX għandhom ukoll jiksbu awtorizzazzjonijiet sabiex jeżerċitaw din l-attività, li jingħataw b'numru limitat. Hija tippreċiża li, fiż-żmien meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, il-VPX kienu f'pożizzjoni li jipprovdu servizzi ta' trasport interurban u urban fit-territorju nazzjonali kollu bi prezzijiet li ma kinux suġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel, iżda għal sistema ta' prezzijiet miftiehma li tippermetti lill-klijent ikun jaf minn qabel, u normalment iħallas bl-internet, il-prezz totali tas-servizz ipprovdut. B'differenza mit-taxis, il-VPX ma jistgħux jużaw il-mogħdijiet tal-karozzi tal-linja, ma jkollhomx waqfiet fit-toroq u ma jistgħux jiġbru l-klijenti direttament mit-toroq sakemm is-servizz ma jkunx ġie miftiehem minn qabel.

26 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, fl-2018, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja), iddeċidiet li l-proporzjoni ta' 1 għal kull 30 bejn in-numru ta' liċenzji ta' servizzi ta' VPX u n-numru ta' liċenzji tas-servizzi tat-taxis qatt ma kien iġġustifikat minn xi kunsiderazzjoni oġġettiva. Minn dan hija tiddeduċi li l-Artikolu 48(3) tal-LOTT, li ppermetta l-limitazzjoni mir-RVTC tal-liċenzji ta' servizzi ta' VPX, jista' jiġi kklassifikat bħala arbitrarju u għalhekk kuntrarju għall-Artikolu 49 TFUE għaliex jirrendi prattikament impossibbli għall-impriżi li joffru servizzi ta' VPX fl-Unjoni Ewropea li jistabbilixxu ruħhom fiż-żona metropolitana ta' Barcelona, u għall-projbizzjoni, prevista fl-Artikolu 107(1) TFUE, li jostakolaw il-kummerċ fi ħdan l-Unjoni bl-għoti ta' għajnuna mill-Istat.

27 It-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Cataluña) għandha l-istess dubji dwar il-kompatibbiltà ma' dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni tar-reġim ta' "liċenzja doppja" li l-VPX ġew suġġetti għaliha fiż-żona metropolitana ta' Barcelona. Peress li l-Artikolu 91 tal-LOTT u l-Artikolu 182(2) tar-ROTT kienu jipprevedu, meta seħħew il-fatti tal-kawża prinċipali, li l-awtorizzazzjonijiet għall-eżerċizzju ta' attività ta' VPX kienu

jippermettu l-provvista ta' "servizzi urbani u interurbani fit-territorju kollu nazzjonali", iż-żieda mill-AMB ta' rekwiżit għal liċenzja sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi ta' VPX urbani fiż-żona metropolitana ta' Barcelona, suġġetta għal rekwiżiti addizzjonali, setgħet titqies bħala strateġija intiża sabiex tnaqqas kemm jista' jkun il-kompetizzjoni tas-servizzi ta' VPX fir-rigward tat-taxis.

28 Skont il-qorti tar-rinviju, il-ġustifikazzjonijiet tar-RVTC imressqa mill-AMB huma bbażati, qabelxejn, fuq il-fatt li s-servizzi ta' VPX jipperikolaw il-vijabbiltà ekonomika tas-servizzi tat-taxis, jirrenduhom kompetizzjoni żleali u jwasslu għal użu intensiv tal-mezzi ta' komunikazzjoni. Sussegwentement, l-10 523 liċenzja tas-servizzi tat-taxis mogħtija mill-AMB huma suffiċjenti sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tal-popolazzjoni u sabiex jiżguraw, fl-istess ħin, il-profittabbiltà tan-negozju tat-taxis. Fl-aħħar nett, l-AMB tinsisti fuq il-protezzjoni tal-ambjent.

29 Madankollu, skont dik il-qorti, il-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi dwar is-sitwazzjoni tat-taxis ma jistgħux jiġġustifikaw il-miżuri inklużi fir-RVTC. Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet dwar l-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni, l-AMB naqset milli tibbilanċja l-effett tat-tnaqqis tal-użu tal-vettura privata li jistgħu jipproduċu s-servizzi ta' VPX. Barra minn hekk, il-VPX huma obbligati jkollhom post għall-ipparkjar u la jistgħu jfittxu klijenti u lanqas jipparkjaw fit-toroq waqt li jistennewhom. Bl-istess mod, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali jinjoraw it-tekniki eżistenti li jistgħu jiggarantixxu provvista ta' servizz permezz ta' vetturi li jniġġsu ftit, jew saħansitra li ma jniġġsu xejn. Barra minn hekk, il-flotta tat-taxis hija kklassifikata bħala "nadifa" mingħajr ma huma indikati r-raġunijiet li għalihom din il-kwalifika ma testendix għall-flotta ta' VPX. L-għan essenzjali tal-AMB jidher li kien, permezz tar-RVTC, li jiġu miżmuma jew li jiġu protetti l-interessi tas-settur tat-taxis.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Cataluña) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) [L-Artikolu] 49 [TFUE] u [l-Artikolu] 107(1) TFUE jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali – liġijiet u regolamenti – li mingħajr ebda raġuni plawżibbli jillimitaw l-awtorizzazzjonijiet ta' VPX għal awtorizzazzjoni għal kull tletin liċenzja ta' taxi jew inqas?

2) [L-Artikolu] 49 u [l-Artikolu] 107(1) TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li mingħajr ebda raġuni plawżibbli tistabbilixxi t-tieni awtorizzazzjoni u rekwiżiti addizzjonali għall-VPX li jixtiequ joffru servizzi urbani?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari*

31 L-AMB tqis li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli għal tliet raġunijiet. Qabel kollox, id-deċiżjoni tar-rinviju ma jsemmix il-leġiżlazzjoni reġjonali u lokali applikabbli u ma jippreċiżax il-fatt li teżisti leġiżlazzjoni li fuqha huma bbażati d-dispożizzjonijiet tar-RVTC, kemm f'dak li jirrigwarda l-kompetenza tal-AMB kif ukoll il-ġustifikazzjoni ta' dan ir-regolament dwar il-protezzjoni tal-ambjent. Sussegwentement, l-elementi tat-tilwima jikkonċernaw Stat Membru wieħed biss u d-domandi preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt intern

iktar milli dik tad-dritt tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, l-AMB tenfasizza l-formulazzjoni, fil-fehma tagħha, inklinata tad-domandi preliminari, li hija intiża sabiex tinfluwenza lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-mertu.

32 P&L tirrileva li l-ewwel domanda preliminari tirrigwarda, minbarra r-RVTC, dispożizzjonijiet "leġiżlattivi u regolamentari". Madankollu, il-limitu impost għall-għoti ta' liċenzji ta' servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis jirriżulta esklużivament mir-RVTC. Għaldaqstant, din l-ewwel domanda tmur lil hinn mill-kuntest tal-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju u, għalhekk, hija irrilevanti għas-soluzzjoni tagħha.

33 Skont l-ANT, il-qorti tar-rinviju fir-realtà tagħmel erba' domandi preliminari, tnejn minnhom jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-libertà ta' stabbiliment u t-tnejn l-oħra jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet li jagħmlu parti mill-iskema ta' għajnuna mill-Istat.

34 Iż-żewġ domandi dwar il-libertà ta' stabbiliment għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà tat risposta għalihom fis-sens li, peress li kull restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment għandha tiġi ġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, il-qorti nazzjonali għandha, jekk tqis, bħall-qorti tar-rinviju, li tali raġuni ma teżistix, tħalli mhux applikata jew tannulla d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni. Barra minn hekk, jekk dawn id-domandi jiġu interpretati fis-sens li l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-dispożizzjonijiet tar-RVTC humiex konformi mar-rekwiżiti ta' neċessità u ta' proporzjonalità, huma jkunu inammissibbli, għaliex b'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja tintalab tagħmel analiżi li ma għandhiex twettaq, iżda li taqa' taħt il-kompetenza tal-qorti nazzjonali. Barra minn hekk, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) diġà wettqet tali analiżi mingħajr ma kellha dubju dwar il-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni, u dan huwa prova li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju ma humiex utli sabiex tiġi deċiża t-tilwima fil-kawża prinċipali.

35 Bl-istess mod, iż-żewġ domandi dwar il-projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat huma inammissibbli, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet b'mod ċar għal domandi simili fis-sentenza tal-14 ta' Jannar 2015, Eventech (C-518/13, EU:C:2015:9), mingħajr ma l-qorti tar-rinviju pprovdiet l-ebda spjegazzjoni dwar in-neċessità li din il-ġurisprudenza tiġi kkwalifikata jew iċċarata f'dan il-każ.

36 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita bl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tagħti d-deċiżjoni, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, meta d-domandi magħmula jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni (sentenza tal-20 ta' Settembru 2022, VD u SR, C-339/20 u C-397/20, EU:C:2022:703, punt 56, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

37 Ir-rifjut li tingħata deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha l-ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tagħti risposta utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tal-20 ta' Settembru 2022, VD u SR, C-339/20 u C-397/20, EU:C:2022:703, punt 57, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 F'dan l-aħħar rigward, għandu jitfakkar li n-neċessità li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teżiġi li din tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi magħmula minnha jew li, minn tal-inqas, tispjega ċ-ċirkustanzi fattwali li fuqhom ikunu bbażati dawn id-domandi (sentenza tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar, C-349/17, EU:C:2019:172, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Għalhekk, mill-Artikolu 94(a) u (c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li t-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tinkludi b'mod partikolari espożizzjoni fil-qosor tas-suġġett tat-tilwima kif ukoll tal-fatti rilevanti, kif ġew ikkonstatati mill-qorti tar-rinviju, jew, minn tal-inqas, espożizzjoni tal-informazzjoni fattwali li fuqha jkunu bbażati d-domandi, kif ukoll espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali.

40 F'dan il-każ, l-ewwel, fir-rigward tal-oġġezzjoni tal-AMB li d-deċiżjoni tar-rinviju ma ssemmix il-leġiżlazzjoni nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti kollha, għandu jiġi kkonstatat li din id-deċiżjoni tinkludi biżżejjed elementi li jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tifhem kemm il-kuntest ġuridiku u fattwali tal-kawża prinċipali kif ukoll is-sens u l-portata tad-domandi preliminari magħmula. Minn dan isegwi li l-imsemmija deċiżjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 94(a) tar-Regoli tal-Proċedura.

41 It-tieni, billi ssostni li d-domandi preliminari jirreferu għal dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari nazzjonali, minkejja li l-kawża prinċipali tirrigwarda biss il-legalità tar-RVTC, fir-realtà P&L tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tidentifika hija stess il-parametri preċiżi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, li ma huwiex fil-ġurisdizzjoni tagħha.

42 Fil-fatt, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali, il-kuntest fattwali u leġiżlattiv li b'riferiment għalih tressqu d-domandi preliminari, hekk kif iddefinit mid-deċiżjoni ta' rinviju. Għaldaqstant, l-eżami ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari għandu jsir fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali pprovduta mill-qorti tar-rinviju (sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, Centre public d'action sociale de Liège (Irtirar jew sospensjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn), C-825/21, EU:C:2022:810, punt 35).

43 Għaldaqstant, peress li l-qorti tar-rinviju ddefinixxiet il-kuntest fattwali u leġiżlattiv li b'riferiment għalih tressqu d-domandi li hija tagħmel, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika l-eżattezza tagħhom (sentenza tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar, C-349/17, EU:C:2019:172, punt 50).

44 It-tielet, l-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura jeżiġi li l-qorti tar-rinviju tesponi r-raġunijiet li wassluha sabiex tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li huma s-suġġett tad-domandi preliminari. Issa, il-formulazzjoni tad-domandi preliminari, anki jekk jitqies li hija intiża, kif issostni l-AMB, li tinfluwenza lill-Qorti tal-Ġustizzja, ma tistax waħedha tirrendi t-talba għal deċiżjoni preliminari inammissibbli, peress li tali ċirkustanza ma tikkorrispondi għal ebda waħda mill-ipoteżijiet imsemmija fil-punt 37 ta' din is-sentenza.

45 Ir-raba', anki jekk jitqies li, kif tallega l-ANT, ir-risposti li għandhom jingħataw għad-domandi preliminari jirriżultaw, f'dan il-każ, b'mod ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura jirriżulta li tali ċirkustanza ma jkollhiex l-effett li tirrendi t-talba għal deċiżjoni preliminari inammissibbli, iżda li tawtorizza lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondiha permezz ta' digriet.

46 Il-ħames, peress li d-domandi preliminari magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 tal-Artikolu 107(1) TFUE, l-ANT tiżbalja meta tallega li dawn id-domandi sempliċement jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjonijiet fattwali li ma humiex fil-ġurisdizzjoni tagħha.

47 Is-sitt, il-fatt li qorti suprema nazzjonali tkun diġà eżaminat, fil-kuntest ta' tilwima li għandha xebh ma' dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ir-rilevanza potenzjali tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija mill-qorti tar-rinviju ma huwiex ta' natura li jirrendi inammissibbli rinviju għal deċiżjoni preliminari intiż sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, konformement mal-Artikolu 267 TFUE. Fil-fatt, tali fatt ma jikkorrispondi għal ebda waħda mill-ipoteżijiet ta' inammissibbiltà mfakkra fil-punt 37 ta' din is-sentenza.

48 Is-seba', sa fejn l-AMB tirrileva li l-aspetti kollha tal-kawża prinċipali huma limitati għal ġewwa Stat Membru wieħed biss, għandu jitfakkar li l-qorti tar-rinviju ppreċiżat li r-rikors ta' P&L jagħmel parti minn ħmistax-il rikors intiż għall-annullament tar-RVTC, li wieħed minnhom ġie ppreżentat minn "pjattaformi internazzjonali" online, li jindika li r-rikors fil-kawża prinċipali huwa intiż għall-annullament ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li japplikaw ukoll għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, b'tali mod li d-deċiżjoni li l-qorti tar-rinviju ser tadotta wara din is-sentenza tista' tipproduċi effetti wkoll fir-rigward ta' dawn iċ-ċittadini tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2013, Libert *et*, C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, punt 35).

49 Issa, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-qorti tar-rinviju tadixxiha fil-kuntest ta' proċedura għall-annullament ta' dispożizzjonijiet applikabbli mhux biss għaċ-ċittadini nazzjonali, iżda wkoll għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, id-deċiżjoni li dik il-qorti ser tadotta wara d-deċiżjoni preliminari tagħha ser tipproduċi l-istess effetti fir-rigward ta' dawn iċ-ċittadini tal-aħħar, liema fatt jiġġustifika li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi li sarulha b'rabta mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertajiet fundamentali minkejja l-fatt li l-elementi kollha tal-kawża prinċipali huma limitati ġewwa Stat Membru wieħed biss (sentenza tas-7 ta' Settembru 2022, Cilevičs *et*, C-391/20, EU:C:2022:638, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

## *Fuq il-mertu*

### *Fuq id-domandi li jirrigwardaw l-Artikolu 107(1) TFUE*

51 Permezz ta' dawn id-domandi preliminari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, b'mod partikolari, jekk l-Artikolu 107(1) TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni, applikabbli għal agglomerazzjoni, li tipprevedi, minn naħa, li awtorizzazzjoni speċifika hija meħtieġa għall-eżerċizzju tal-attività ta' servizzi ta' VPX f'din l-agglomerazzjoni, flimkien mal-awtorizzazzjoni nazzjonali meħtieġa għall-provvista ta' servizzi ta' VPX urbani u

interurbani, u, min-naħa l-oħra, li n-numru ta' liċenzji ta' servizzi ta' VPX huwa limitat għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis maħruġa għall-imsemmija agglomerazzjoni.

52 Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-klassifikazzjoni ta' miżura bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, teħtieġ li l-kundizzjonijiet kollha segwenti jkunu ssodisfatti. L-ewwel, għandu jkun hemm intervent tal-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat. It-tieni, dan l-intervent għandu jkun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. It-tielet, dan għandu jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu. Ir-raba', dan għandu jwassal għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni (sentenza tal-11 ta' Novembru 2021, Autostrada Wielkopolska vs Il-Kummissjoni u Il-Polonja, C-933/19 P, EU:C:2021:905, punt 103 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

53 Fir-rigward tal-kundizzjoni relatata mal-użu ta' riżorsi tal-Istat, għandu jitfakkar li l-kunċett ta' għajnuna jinkludi mhux biss benefiċċji pożittivi bħal sussidji, iżda wkoll interventi li, f'forom differenti, itaffu l-piżijiet li normalment itaqqlu l-baġit ta' impriża u li, għaldaqstant, mingħajr ma jkunu sussidji fis-sens strett tal-kelma, huma tal-istess natura u għandhom effetti identiċi (sentenza tal-14 ta' Jannar 2015, Eventech, C-518/13, EU:C:2015:9, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Konsegwentement, għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, għandu jiġi vverifikat jekk hemmx rabta suffiċjentement diretta bejn, minn naħa, il-vantaġġ mogħti lill-benefiċjarju u, min-naħa l-oħra, tnaqqis tal-baġit tal-Istat, jew riskju ekonomiku suffiċjentement konkret ta' piżijiet li jaqgħu fuqu (sentenza tal-14 ta' Jannar 2015, Eventech, C-518/13, EU:C:2015:9, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 F'dan il-każ, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li mid-deċiżjoni tar-rinviju bl-ebda mod ma jirriżulta li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tinvolvi l-użu ta' riżorsi tal-Istat.

56 B'mod partikolari, minn naħa, la r-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni maħruġa mill-AMB sabiex tiġi eżerċitata l-attività ta' servizzi ta' VPX fiż-żona ta' Barcelona u lanqas il-limitazzjoni tan-numru ta' liċenzji ta' tali servizzi għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis maħruġa għall-imsemmija agglomerazzjoni ma jidhru li jimplikaw benefiċċji pożittivi, bħal sussidji, għall-benefiċċju tal-impriżi li jipprovdu s-servizzi tat-taxis u lanqas li jtaffu l-piżijiet li normalment itaqqlu l-baġit ta' dawn l-impriżi.

57 Min-naħa l-oħra, dawn iż-żewġ miżuri ma jidhrux li jwasslu għal tnaqqis tal-baġit tal-Istat jew għal riskju ekonomiku suffiċjentement konkret ta' piżijiet li jaqgħu fuqu, li jistgħu jibbenefikaw lill-impriżi li jipprovdu s-servizzi tat-taxis.

58 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula hija li l-Artikolu 107(1) TFUE ma jipprekludix leġiżlazzjoni, applikabbli għal agglomerazzjoni, li tipprevedi, minn naħa, li awtorizzazzjoni speċifika hija meħtieġa għall-eżerċizzju tal-attività ta' servizzi ta' VPX f'din l-agglomerazzjoni, flimkien mal-awtorizzazzjoni nazzjonali meħtieġa għall-provvista ta' servizzi ta' VPX urbani u interurbani, u, min-naħa l-oħra, li n-numru ta' liċenzji ta' tali servizzi huwa limitat għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis maħruġa għall-imsemmija agglomerazzjoni, sakemm dawn il-miżuri ma jkunux ta' natura li jinvolvu impenn ta' riżorsi tal-Istat fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

*Fuq id-domandi li jirrigwardaw l-Artikolu 49 TFUE*

59 Permezz ta' dawn id-domandi preliminari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49 TFUE jipprekludix leġiżlazzjoni, applikabbli għal agglomerazzjoni, li tipprevedi, minn naħa, li awtorizzazzjoni speċifika hija meħtieġa għall-eżerċizzju tal-attività ta' servizzi ta' VPX f'din l-agglomerazzjoni, flimkien mal-awtorizzazzjoni nazzjonali meħtieġa għall-provvista ta' servizzi ta' VPX urbani u interurbani, u, min-naħa l-oħra, li n-numru ta' liċenzji ta' tali servizzi huwa limitat għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis maħruġa għall-imsemmija agglomerazzjoni.

60 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 TFUE jiddisponi li, fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, ir-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment taċ-ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandhom jiġu pprojbiti.

61 Skont ġurisprudenza stabbilita, għandhom jitqiesu li huma restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment il-miżuri kollha li jipprojbixxu, jostakolaw jew jagħmlu inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà ggarantita fl-Artikolu 49 TFUE (sentenza tas-7 ta' Settembru 2022, Cilevičs *et*, C-391/20, EU:C:2022:638, punt 61 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

62 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punti 51 sa 55 tal-konklużjonijiet tiegħu, minn naħa, ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni speċifika għall-eżerċizzju tal-attività ta' servizzi ta' VPX fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona, flimkien mal-awtorizzazzjoni nazzjonali meħtieġa għall-provvista ta' servizzi ta' VPX urbani u interurbani, jikkostitwixxi fih innifsu restrizzjoni għall-eżerċizzju tal-libertà ggarantita mill-Artikolu 49 TFUE, peress li rekwiżit bħal dan jillimita effettivament l-aċċess għas-suq għal kull parteċipant ġdid fis-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauer, C-169/07, EU:C:2009:141, punt 34; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2002, Canal Satélite Digital, C-390/99, EU:C:2002:34, punt 29).

63 Min-naħa l-oħra, dan huwa wkoll il-każ tal-limitazzjoni tan-numru ta' liċenzji ta' tali servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis maħruġa għall-imsemmija agglomerazzjoni, li għandha tiġi kklassifikata bħala restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment, peress li tali limitazzjoni tirrestrinġi n-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' VPX stabbiliti f'din l-agglomerazzjoni.

64 Skont ġurisprudenza stabbilita, tali restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment jiġu aċċettati biss bil-kundizzjoni, fl-ewwel lok, li jkunu ġġustifikati minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u, fit-tieni lok, li jiġi osservat il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jimplika li dawn ikunu xierqa sabiex jiggarantixxu, b'mod koerenti u sistematiku, it-twettiq tal-għan li għandu jintlaħaq u li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq (sentenza tas-7 ta' Settembru 2022, Cilevičs *et*, C-391/20, EU:C:2022:638, punt 65 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

– *Fuq l-eżistenza ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali*

65 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari kif ukoll mill-osservazzjonijiet tal-AMB u tal-Gvern Spanjol quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, permezz taż-żewġ miżuri inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ir-RVTC huwa intiż li jiżgura, qabel kollox, il-kwalità, is-sigurtà u l-aċċessibbiltà tas-servizzi tat-taxis fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona, ikkunsidrati bħala "servizz ta' interess ġenerali", b'mod partikolari billi jżomm "bilanċ ġust" bejn in-numru ta' fornituri tas-servizzi

tat-taxis u dak tal-fornituri ta' servizzi ta' VPX, sussegwentement, l-amministrazzjoni tajba tat-trasport, tat-traffiku u tal-ispazju pubbliku fi ħdan din l-agglomerazzjoni u, fl-aħħar nett, il-protezzjoni tal-ambjent fl-imsemmija agglomerazzjoni.

66 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-għan intiż li jiżgura l-kwalità, is-sigurtà u l-aċċessibbiltà tas-servizzi tat-taxis, mill-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta, qabelxejn, li l-attività tas-servizzi tat-taxis hija rregolata b'mod intensiv, sa fejn dawn is-servizzi huma suġġetti, b'mod partikolari, għal kwoti ta' liċenzji, għal tariffi rregolati, għal obbligu ta' trasport universali u għal aċċessibbiltà għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Fid-dawl ta' dawn il-karatteristiċi, is-servizzi tat-taxis huma kkunsidrati, b'mod partikolari mill-AMB, bħala "servizz ta' interess ġenerali" li jistħoqqlu li jiġi ppreżervat, bħala element importanti tal-organizzazzjoni ġenerali tat-trasport urban tal-agglomerazzjoni ta' Barcelona.

67 L-AMB tirrileva, sussegwentement, li l-vijabbiltà ekonomika tal-attività tas-servizzi tat-taxis tidher ipperikolata minn kompetizzjoni dejjem tikber li ġejja mill-attività tas-servizzi ta' VPX. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-preżervazzjoni ta' bilanċ bejn dawn iż-żewġ forom ta' trasport urban kienet tkun ipperċepita mis-setgħat politiċi, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali, bħala mezz xieraq u proporzjonat sabiex tiġi ggarantita ż-żamma tas-servizzi tat-taxis, bħala servizz ta' interess ġenerali integrat f'mudell ta' trasport urban globali.

68 Finalment, il-qorti tar-rinviju u diversi partijiet fil-proċedura rrilevaw li t-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) kienet qieset, f'sentenza tal-4 ta' Ġunju 2018, li l-organizzazzjoni u l-mezzi mixtieqa tat-trasport urban jaqgħu taħt l-għażla tal-awtoritajiet pubbliċi, li dawn l-awtoritajiet jistgħu, fil-kuntest ta' tali għażla, jagħżlu ż-żamma tas-servizzi tat-taxis li jissodisfaw il-karatteristiċi mfakkra fil-punt 66 ta' din is-sentenza u li jikkostitwixxu, għalhekk, "servizz ta' interess ġenerali", li, għaldaqstant, huwa ġġustifikat li jinżamm bilanċ bejn dan il-mezz ta' trasport urban u s-servizzi ta' VPX sabiex tiġi ggarantita ż-żamma ta' dan is-servizz ta' interess ġenerali u li, għal dan l-għan, il-fatt li jiġi previst proporzjon bejn il-liċenzji tas-servizzi ta' VPX u dawk tas-servizzi tat-taxis, li jistgħu jwasslu għal liċenzja waħda għal kull tletin, jidher, fl-assenza ta' alternattiva inqas restrittiva, bħala miżura xierqa u proporzjonata.

69 F'dan ir-rigward, l-ewwel, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 75 u 76 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-għan tal-amministrazzjoni tajba tat-trasport, tat-traffiku u tal-ispazju pubbliku ta' agglomerazzjoni, minn naħa, kif ukoll dak tal-protezzjoni tal-ambjent f'tali agglomerazzjoni, min-naħa l-oħra, jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-400/08, EU:C:2011:172, punt 74, kif ukoll tat-30 ta' Jannar 2018, X u Visser, C-360/15 u C-31/16, EU:C:2018:44, punti 134 u 135).

70 It-tieni, hija, għall-kuntrarju, ġurisprudenza stabbilita li għanijiet ta' natura purament ekonomika ma jistgħux jikkostitwixxu raġuni imperattiva ta' interess ġenerali ta' natura li tiġġustifika restrizzjoni għal libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat (sentenzi tal-11 ta' Marzu 2010, Attanasio Group, C-384/08, EU:C:2010:133, punt 55, u tal-24 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-400/08, EU:C:2011:172, punt 74 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod partikolari f'dan is-sens li l-għan li tiġi ggarantita l-profittabbiltà ta' rotta kompetitriċi tal-karozza tal-linja, bħala raġuni ta' natura purament ekonomika, ma jistax jikkostitwixxi tali raġuni imperattiva ta' interess ġenerali (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Yellow Cab Verkehrsbetrieb, C-338/09, EU:C:2010:814, punt 51).

71 F'dan il-każ, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 61 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-għan li tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika tas-servizzi tat-taxis għandu jitqies, huwa wkoll, bħala raġuni ta' natura purament ekonomika li ma tistax tikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza.

72 Minn dan jirriżulta li dan l-għan ma jistax jiġi invokat sabiex jiġġustifika, b'mod partikolari, il-preżervazzjoni ta' bilanċ bejn iż-żewġ mezzi ta' trasport urban inkwistjoni fil-kawża prinċipali jew proporzjon bejn il-liċenzji ta' servizzi ta' VPX u dawk tas-servizzi tat-taxis, li jikkostitwixxu kunsiderazzjonijiet ta' natura purament ekonomika.

73 It-tielet, dawn il-konstatazzjonijiet ma humiex invalidati mill-fatt li s-servizzi tat-taxis huma kklassifikati, fid-dritt Spanjol, bħala "servizz ta' interess ġenerali".

74 Minn naħa, kif sostniet ġustament il-Kummissjoni Ewropea waqt is-seduta, l-għan li għandu jintlaħaq minn miżura li tirrestrinġi l-libertà ta' stabbiliment għandu, bħala tali, jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 64 ta' din is-sentenza, mingħajr ma l-klassifikazzjoni ta' dan l-għan fid-dritt nazzjonali ma tista' tinfluwenza l-evalwazzjoni li għandha ssir f'dan ir-rigward.

75 Min-naħa l-oħra, l-ebda element tal-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja ma juri la li l-fornituri tas-servizzi tat-taxis li jeżerċitaw l-attività tagħhom fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona huma inkarigati mill-ġestjoni ta' servizz ta' importanza ekonomika ġenerali (iktar 'il quddiem "SIEĠ") fis-sens tal-Artikolu 106(2) TFUE u lanqas li l-assenza ta' restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tal-fornituri ta' servizzi ta' VPX tostakola t-twettiq *de jure* jew *de facto* ta' funzjoni partikolari ta' servizz pubbliku fdata lill-imsemmija fornituri tas-servizzi tat-taxis.

76 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, għalkemm l-Istati Membri għandhom id-dritt li jiddefinixxu l-portata u l-organizzazzjoni tas-SIEĠ tagħhom billi jieħdu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari għanijiet speċifiċi għall-politika nazzjonali tagħhom u li, f'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa li tista' tiġi kkontestata mill-Kummissjoni biss f'każ ta' żball manifest, din is-setgħa ma tistax tkun illimitata u għandha, fi kwalunkwe każ, tiġi eżerċitata fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-3 ta' Settembru 2020, Vereniging tot Behoud van Natuurmonumenten in Nederland *et* vs Il-Kummissjoni, C-817/18 P, EU:C:2020:637, punt 95 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

77 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, servizz jista' jkollu importanza ekonomika ġenerali meta din l-importanza jkollha karatteristiċi speċifiċi meta mqabbla ma' dik ta' attivitajiet oħra tal-ħajja ekonomika (sentenza tas-7 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-171/17, EU:C:2018:881, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78 Barra minn hekk, sabiex ikun jista' jiġi kklassifikat bħala SIEĠ, servizz għandu jiġi pprovdut b'applikazzjoni ta' funzjoni speċjali fl-interess pubbliku fdata lill-fornitur mill-Istat Membru kkonċernat (sentenza tas-7 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-171/17, EU:C:2018:881, punt 52).

79 Għaldaqstant, huwa importanti li l-impriżi benefiċjarji jkunu ġew effettivament inkarigati mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku u li dawn l-obbligi jkunu ddefiniti b'mod ċar fid-dritt nazzjonali, li jippreżumi l-eżistenza ta' att jew ta' diversi atti ta' awtorità pubblika li jiddefinixxu b'mod suffiċjentement preċiż tal-inqas in-natura, it-tul u l-portata tal-obbligi ta' servizz pubbliku

li għandhom jitwettqu mill-impriżi inkarigati mit-twettiq ta' dawn l-obbligi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Comunidad Autónoma del País Vasco *et* vs Il-Kummissjoni, C-66/16 P sa C-69/16 P, EU:C:2017:999, punti 72 u 73).

80 Barra minn hekk, l-Artikolu 106(2) TFUE jipprevedi, minn naħa, li l-impriżi inkarigati mill-ġestjoni ta' SIEĠ huma suġġetti għar-regoli tal-kompetizzjoni, sa fejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma tfixkilx it-twettiq *de jure* jew *de facto* tal-funzjoni partikolari li ġiet fdata lilhom u, min-naħa l-oħra, li l-iżvilupp tal-kummerċ ma għandux isir b'mod kuntrarju għall-interess tal-Unjoni. Għalhekk, il-formulazzjoni stess tal-Artikolu 106(2) TFUE turi li derogi mir-regoli tat-Trattat huma permessi biss jekk dawn ikunu neċessarji għat-twettiq tal-funzjoni partikolari fdata lil impriża inkarigata mill-ġestjoni ta' SIEĠ (sentenza tat-3 ta' Settembru 2020, Vereniging tot Behoud van Natuurmonumenten in Nederland *et* vs Il-Kummissjoni, C-817/18 P, EU:C:2020:637, punti 96 u 97).

81 Issa, il-fatt li l-attività tas-servizzi tat-taxis għandha l-karatteristiċi msemmija fil-punt 66 ta' din is-sentenza u għalhekk hija rregolata b'mod intensiv la jippermetti li jiġi stabbilit li l-importanza li għandha din l-attività għandha, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 77 ta' din is-sentenza, karatteristiċi speċifiċi meta mqabbla ma' dik li għandhom attivitajiet ekonomiċi oħra u lanqas li funzjoni partikolari ta' servizz pubbliku ġiet fdata lill-fornituri tas-servizzi tat-taxis permezz ta' atti ta' awtorità pubblika suffiċjentement preċiżi f'dan is-sens.

82 Ir-raba', għalkemm il-karatteristiċi msemmija fil-punt 66 ta' din is-sentenza ċertament juru li l-leġiżlazzjoni tas-servizzi tat-taxis hija intiża b'mod partikolari sabiex tiżgura l-kwalità, is-sigurtà u l-aċċessibbiltà ta' dawn is-servizzi, għall-benefiċċju tal-utenti, jidher, mill-banda l-oħra, li l-miżuri inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jsegwux, minnhom infushom, dawn l-għanijiet.

83 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, huma biss l-għanijiet tal-amministrazzjoni tajba tat-trasport, tat-traffiku u tal-ispazju pubbliku, minn naħa, kif ukoll tal-protezzjoni tal-ambjent, min-naħa l-oħra, li jistgħu jiġu invokati, f'dan il-każ, bħala raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali sabiex jiġu ġġustifikati l-miżuri inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

– *Fuq il-proporzjonalità tal-miżuri inkwistjoni fil-kawża prinċipali*

84 Fir-rigward tal-punt dwar jekk dawn il-miżuri humiex xierqa sabiex jiggarantixxu, b'mod koerenti u sistematiku, it-twettiq tal-għanijiet iċċitati fil-punt 83 ta' din is-sentenza u li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dawn jintlaħqu, għandha ssir distinzjoni bejn ir-rekwiżit tat-tieni awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju tal-attività ta' servizzi ta' VPX u l-limitazzjoni tan-numru ta' liċenzji ta' servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis.

– *Fuq il-proporzjonalità tar-rekwiżit tat-tieni awtorizzazzjoni*

85 Fir-rigward tar-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni speċifika għall-provvista ta' servizzi ta' VPX fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta, qabelxejn, li sistema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel ma tistax tiġġustifika aġir diskrezzjonali min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali, ta' natura li jċaħħad id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk dwar il-libertajiet fundamentali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mill-effett utli tagħhom (sentenza tat-22 ta' Jannar 2002, Canal Satélite Digital, C-390/99, EU:C:2002:34, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86 Għaldaqstant, sabiex sistema ta’ awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel tkun iġġustifikata minkejja li tidderoga minn tali libertà fundamentali, hija għandha, fi kwalunkwe każ, tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u li jkunu magħrufa minn qabel, b’mod li jiġi limitat l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali sabiex din ma tiġix eżerċitata b’mod arbitrarju (sentenza tat-22 ta’ Jannar 2002, Canal Satélite Digital, C-390/99, EU:C:2002:34, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

87 Sussegwentement, ma tistax titqies bħala neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan li għandu jintlaħaq miżura stabbilita minn Stat Membru li, essenzjalment, tirdoppja l-kontrolli li diġà twettqu fil-kuntest ta’ proċeduri oħra, jew f’dan l-istess Stat, jew fi Stat Membru ieħor (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta’ Jannar 2002, Canal Satélite Digital, C-390/99, EU:C:2002:34, punt 36).

88 Fl-aħħar nett, proċedura ta’ awtorizzazzjoni minn qabel tkun neċessarja biss jekk kontroll *a posteriori* kellu jitqies li twettaq tard wisq sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja reali tiegħu u sabiex dan ikun jista’ jilħaq l-għan imfittex (sentenza tat-22 ta’ Jannar 2002, Canal Satélite Digital, C-390/99, EU:C:2002:34, punt 39).

89 F’dan il-każ, l-ewwel, ir-rekwiżit ta’ awtorizzazzjoni minn qabel jista’ ċertament ikun adattat sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta’amministrazzjoni tajba tat-trasport, tat-traffiku u tal-ispazju pubbliku kif ukoll tal-protezzjoni tal-ambjent. Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura tas-servizz inkwistjoni, li jinvolvi l-użu ta’ vetturi privati li, ta’ spiss, ma jistgħux jiġu distinti minn vetturi oħra ta’ din il-kategorija, użati privatament, u li barra minn hekk jitwettaq f’territorju urban vast, kontroll *a posteriori* jista’ jiġi kkunsidrat bħala li jintervjeni tard wisq sabiex jiggarantixxi li dan tal-aħħar huwa fil-fatt effettiv u sabiex jippermettilu li jilħaq l-għanijiet imfittxija. Minn dan isegwi li r-rekwiżit ta’ tali awtorizzazzjoni minn qabel jista’ jitqies bħala neċessarju fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 88 ta’ din is-sentenza.

90 Madankollu, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 64 u 86 ta’ din is-sentenza, jeħtieġ ukoll li l-kriterji applikabbli għall-għoti, għar-rifjut u, jekk ikun il-każ, għall-irtirar ta’ liċenzji ta’ servizzi ta’ VPX ikunu xierqa sabiex jiggarantixxu, b’mod koerenti u sistematiku, it-twettiq ta’ dawn l-għanijiet, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

91 It-tieni, peress li P&L issostni, *inter alia*, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-awtorità amministrattiva kompetenti tirriżerva, skont is-sitwazzjoni tas-suq, id-dritt li tannulla liċenzja ta’ servizzi ta’ VPX, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, b’mod partikolari, jekk l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija, fl-osservanza tal-imsemmija kriterji, lil din l-awtorità hijiex suffiċjentement limitata, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 86 ta’ din is-sentenza, sabiex din ma tiġix eżerċitata b’mod arbitrarju.

92 It-tielet, sa fejn P&L issostni, barra minn hekk, li r-rekwiżit ta’ awtorizzazzjoni speċifika għall-provvista ta’ servizzi ta’ VPX fl-agglomerazzjoni ta’ Barcelona jirdoppja l-proċeduri u r-rekwiżiti eżistenti imposti għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni nazzjonali prevista għall-eżerċizzju ta’ din l-attività, hemm lok għall-qorti tar-rinviju, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 87 ta’ din is-sentenza, li tiżgura li l-proċeduri stabbiliti għall-ħruġ ta’ din l-awtorizzazzjoni speċifika ma jirduppjawx il-kontrolli li diġà twettqu fil-kuntest ta’ din il-proċedura l-oħra fl-istess Stat Membru.

93 Waqt l-eżami tan-neċessità tar-rekwiżit ta' tali awtorizzazzjoni speċifika, il-qorti tar-rinviju għandha tevalwa, b'mod partikolari, jekk il-karatteristiċi partikolari tal-agglomerazzjoni ta' Barcelona jiġġustifikawx l-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit, li jinżied ma' dak intiż għall-kisba tal-awtorizzazzjoni nazzjonali, sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' amministrazzjoni tajba tat-trasport, tat-traffiku u tal-ispazju pubbliku kif ukoll ta' protezzjoni tal-ambjent fi ħdanha.

*– Fuq il-proporzjonalità tal-limitazzjoni tal-liċenzji ta' servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis*

94 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 80 u 81 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma żvelat l-ebda element li jippermetti li tiġi stabbilita l-kapaċità tal-miżura ta' limitazzjoni tal-liċenzji tas-servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għanijiet ta' amministrazzjoni tajba tat-trasport, tat-traffiku u tal-ispazju pubbliku kif ukoll ta' protezzjoni tal-ambjent.

95 F'dan ir-rigward, kemm mill-punt 9 tal-preambolu tar-RVTC kif ukoll mill-istruttura tar-RVTC, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikoli 7 u 9 sa 11 tiegħu, jidher li jirriżulta li l-limitazzjoni tal-liċenzji ta' provvista ta' servizzi ta' VPX tikkostitwixxi l-element prinċipali li permezz tiegħu dan ir-regolament ifittex li jilħaq dawn l-għanijiet.

96 Issa, fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-argumenti mressqa minn, b'mod partikolari, P&L, Tapoca VTC1 u l-Kummissjoni, li skonthom

– is-servizzi ta' VPX inaqqsu l-użu tal-karozza privata;

– ma jkunx koerenti li jiġu invokati problemi ta' pparkjar fit-toroq pubbliċi tal-AMB filwaqt li r-RVTC jimponi li l-impriżi li joffru servizzi ta' VPX ikollhom siti tagħhom stess għall-ipparkjar u li ma jipparkjawx fit-toroq pubbliċi;

– is-servizzi ta' VPX jistgħu jikkontribwixxu sabiex jintlaħaq l-għan ta' mobbiltà effikaċi u inklużiva, permezz tal-livell ta' diġitalizzazzjoni tagħhom u l-flessibbiltà fil-provvista ta' servizzi, bħal pjattaforma teknoloġika aċċessibbli għall-persuni għamja, u

– il-leġiżlazzjoni tal-Istat tinkoraġġixxi l-użu ta' vetturi li jużaw enerġiji alternattivi għas-servizzi ta' VPX;

ma ġewx invalidati la mill-AMB u lanqas mill-Gvern Spanjol. Fil-fatt, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja waqt is-seduta, dan il-gvern indika li ma kienx jaf bl-eżistenza ta' ebda studju tal-impatt tal-flotta ta' VPX fuq it-trasport, it-traffiku, l-ispazju pubbliku u l-ambjent fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona, u lanqas dwar dik ta' xi studju li jipprevedi l-effetti tal-leġiżlazzjoni introdotta mir-RVTC fuq it-twettiq tal-għanijiet imsemmija fil-punt 94 ta' din is-sentenza.

97 Għaldaqstant, bla ħsara għal evalwazzjoni li għandha ssir mill-qorti tar-rinviju, inkluż fir-rigward ta' kwalunkwe elementi li ma ġewx ikkomunikati lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-limitazzjoni tal-liċenzji ta' servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis ma tidhirx xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għanijiet ta' amministrazzjoni tajba tat-trasport, tat-traffiku u tal-ispazju pubbliku.

98 Barra minn hekk, l-ebda element tal-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja ma huwa intiż li jistabbilixxi li tali limitazzjoni tal-liċenzji tas-servizzi ta' VPX ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet.

99 Fil-fatt, ma jistax jiġi eskluż li l-possibbiltà ta' impatt tal-flotta ta' VPX fuq it-trasport, it-traffiku u l-ispazju pubbliku fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona tista' tkun adegwatament limitata minn miżuri inqas restrittivi, bħal miżuri ta' organizzazzjoni tas-servizzi ta' VPX, limitazzjonijiet ta' dawn is-servizzi waqt ċerti ħinijiet jew inkella restrizzjonijiet tat-traffiku f'ċerti żoni.

100 Bl-istess mod, ma jistax jiġi eskluż li l-għan tal-protezzjoni tal-ambjent fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona jista' jintlaħaq permezz ta' miżuri li huma inqas ta' preġudizzju għal-libertà ta' stabbiliment, bħal limiti ta' emissjoni applikabbli għall-vetturi li jiċċirkolaw f'din l-agglomerazzjoni.

101 Madankollu, hawnhekk ukoll, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk huwiex stabbilit quddiemha li miżuri inqas restrittivi ma jippermettux li jintlaħqu l-għanijiet imfittxija.

102 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula hija li l-Artikolu 49 TFUE

– ma jipprekludix leġiżlazzjoni, applikabbli f'agglomerazzjoni, li tipprevedi li awtorizzazzjoni speċifika hija meħtieġa għall-eżerċizzju tal-attività ta' servizzi ta' VPX f'din l-agglomerazzjoni, li jinżied mal-awtorizzazzjoni nazzjonali meħtieġa għall-provvista ta' servizzi ta' VPX urbani u interurbani, jekk din l-awtorizzazzjoni speċifika tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u li jkunu magħrufa minn qabel, li jeskludu kull arbitrarjetà u li ma jirduppjawx il-kontrolli li diġà twettqu fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni nazzjonali, iżda li jissodisfaw il-bżonnijiet partikolari ta' din l-agglomerazzjoni;

– jipprekludi leġiżlazzjoni, applikabbli f'agglomerazzjoni, li tipprevedi limitazzjoni tan-numru ta' liċenzji ta' servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis maħruġa għall-imsemmija agglomerazzjoni, peress li la huwa stabbilit li din il-miżura hija xierqa sabiex tiggarantixxi, b'mod koerenti u sistematiku, it-twettiq tal-għanijiet ta' amministrazzjoni tajba tat-trasport, tat-traffiku u tal-ispazju pubbliku ta' din l-agglomerazzjoni kif ukoll ta' protezzjoni tal-ambjent tagħha, u lanqas li din il-miżura ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

**Fuq l-ispejjeż**

103 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-Artikolu 107(1) TFUE ma jipprekludix leġiżlazzjoni, applikabbli għal agglomerazzjoni, li tipprevedi, minn naħa, li awtorizzazzjoni speċifika hija meħtieġa għall-eżerċizzju tal-attività ta' servizzi ta' kiri ta' vetturi privati bix-xufier f'din l-agglomerazzjoni, flimkien mal-awtorizzazzjoni nazzjonali meħtieġa għall-provvista ta' servizzi ta' kiri ta'**

**vetturi privati bix-xufier urbani u interurbani, u, min-naħa l-oħra, li n-numru ta’ liċenzji ta’ tali servizzi huwa limitat għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis maħruġa għall-imsemmija agglomerazzjoni, sakemm dawn il-miżuri ma jkunux ta’ natura li jinvolvu impenn ta’ riżorsi tal-Istat fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni.**

2) **L-Artikolu 49 TFUE ma jipprekludix leġiżlazzjoni, applikabbli f’agglomerazzjoni, li tipprevedi li awtorizzazzjoni speċifika hija meħtieġa għall-eżerċizzju tal-attività ta’ servizzi ta’ kiri ta’ vetturi privati bix-xufier f’din l-agglomerazzjoni, li jinżied mal-awtorizzazzjoni nazzjonali meħtieġa għall-provvista ta’ servizzi ta’ kiri ta’ vetturi privati bix-xufier urbani u interurbani, jekk din l-awtorizzazzjoni speċifika tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u li jkunu magħrufa minn qabel, li jeskludu kull arbitrarjetà u li ma jirduppjawx il-kontrolli li diġà twettqu fil-kuntest tal-proċedura ta’ awtorizzazzjoni nazzjonali, iżda li jissodisfaw il-bżonnijiet partikolari ta’ din l-agglomerazzjoni.**

3) **L-Artikolu 49 TFUE jipprekludi leġiżlazzjoni, applikabbli f’agglomerazzjoni, li tipprevedi limitazzjoni tan-numru ta’ liċenzji ta’ servizzi ta’ kiri ta’ vetturi privati bix-xufier għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis maħruġa għall-imsemmija agglomerazzjoni, peress li la huwa stabbilit li din il-miżura hija xierqa sabiex tiggarantixxi, b’mod koerenti u sistematiku, it-twettiq tal-għanijiet ta’ amministrazzjoni tajba tat-trasport, tat-traffiku u tal-ispazju pubbliku ta’ din l-agglomerazzjoni kif ukoll ta’ protezzjoni tal-ambjent tagħha u lanqas li din il-miżura ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.**

Firem